**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 98 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Stacey Attard)**

**vs**

**Simonette (Simone) Mulholland**

Illum, 17 ta' Gunju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Simonette (Simone) ta' 50 sena, bint Alfred Borg u Emanuela xebba Armeni, imwielda Valletta nhar is-27 ta' Jannar, 1970, residenti Binja l-Marg, block B, Flat 6, Triq Sir Leslie Rundle, Mtarfa u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 84370 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-27 ta' Gunju, 2020 ghal habta ta' 07:35 hrs u/jew fil-hinijiet u/jew granet ta' qabel gewwa Triq Sir Leslie Rundli, Mtarfa Malta:

1) Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gghelt bl-awtorita' tieghek innifsek lil xi hadd

ihallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Patrick Mulholland fil-pussess ta' hwejgu b' xi mod iehor, kontra l-ligi, jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor;

Il-Qorti mitluba biex, f'kaz ta' htija, tapplika d-dispozizzjonijiet ta' Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta'htija barra milli taghti il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Jannar, 2021 fejn il-Qorti rat li giet esebita riferta negattiva tax-xhud Patrick Mulholland, liema xhud ghalkemm xorta gie msejjah diversi drabi, baqa' ma deherx. Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li mhux qed tinsisti ghal dan ix-xhud. Rat li l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda xhieda ohra. L-imputata talbet il-liberatorja. Il-Qorti qieset li dan reat *ex-officio.* Ghaldaqstant fuq mankanza ta' provi, l-imputata giet liberata' mill-imputazzjonijiet migjuba kontriha.

Rat ir-rikors t'appell tal-parte civile Patrick Mulholland, minnu pprezentat nhar is-27 ta' Jannar, 2021, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti minhabba nuqqas ta' formalita' jew minhabba htigijiet ta' procedura.

2. Tirrevoka, thassar u tiddikjara li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti m'hi bl-ebda mod valida, effettiva w enforzabbliu biex il-gustizzja tidher li qed issir ghandha tintbaghat lura lill-Qorti Inferjuri biex terga' tigi reappuntata u mismugha mill-gdid b'kull parti bid-drittijiet taghha biex tressaq u tissottometti l-provi taghha skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji huma cari u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi dan huwa Appell Kriminali mhux fil-linja ordinarja ta' l-Appelli Kriminali stante li l-akkuzata harget illiberata minhabba att ta' ommisjoni da parti tal-Prosekuzzjoni, akwijexxat mill-istess Qorti tal-Magistrati. Dan qed jinkiteb bir-rispett kollu pero' huwa ovvju illi min jaghmel kwerela u jafda f'idejn il-pulizija (ossija ma jhaddimiex tramite l-Avukat tal-fiducja tieghu), qed juri fiducja fl-istituzzjoni tal-Pulizija li qedgha hemm biex izzomm il-bon ordni w il-paci pubblika u mhux biex tiddeciedi jew tiddetermina x'inhi l-bon ordni w l-paci pubblika.

2. Hawnhekk kellna kaz car fejn l-imputata Simonette jew Simone jew Simonetta Mulholland ikkommettiet reat fl-inkwadratura tal-'*Pretended Right'* ossija hadet il-Ligi b'idejha.

3. L-appellant zewgha Patrick Mulholland ghamel rapport nhar is-27 ta' Gunju 2020 li huwa gie mcahhad minn martu milli jidhol fid-dar matrimonjali (irrispettivament mill-proceduri pendent quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja): vide ir-Rapport tal-Pulziija NPS 7/Q/1256/2020 (Pirs) u l-okkorenza 129/20 datata 27 ta' Gunju, 2020.

4. L-appellant halla d-dettalji tieghu fejn huwa setgha jigi kkuntatjat mil-Pulizija u partikolarment ma PS 991 u PC 1573 meta sar ir-rapport bin-numru referenzjali 7/Q/1256/2020.

5. Ghal numru ta' xhur, l-appellanti ma sema' xejn iktar minn ghand il-Pulizija ghad illi minn zmien ghal zmien l-appelant kien imur l-ghassa tar-Rabat Malta u jitlob taghrif dwar il-kwerela tieghu u dejjem jghidulu li ghad ma hemm xejn pero' li kien hemm proceduri pendenti fil-konfront ta' l-akkuzata Simonette sive Simone sive Simonetta Mulholland.

6. Fis-17 ta' Settembru, 2020, l-appellant gie ordnat mill-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja b' Digriet *in camera* biex jallontana ruhu mid-dar matrimonjali ghal ragunijiet purament fuq dak li qalet l-appellata bit-tielet avukat taghha. Dan l-allontanament qed jigi kkontestat mill-appellant u decizjoni dwaru kienet mistennija nhar il-25 ta' Frar, 2021. L-incident in kwistjoni relatat ma l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali sehh fis-27 ta' Gunju, 2020, okkorenza numru 129/2020 u fil-hinijiet jew granet ta' qabel u ghalhekk huwa totalment skonness mad-Digriet tal-Qorti tal-Familja tas-17 ta' Settembru 2020.

7. Illi ghalhekk kien essenzjali hafna li l-appellant jixhed f'din il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Izda mhux talli ma giex notifikat imma l-Ispettur Stacy Attard iddikjarat li hi mhux ser tinsisti fuq ix-xhieda tal-appellant meta l-appellant kien il-bazi ewlenija ghal din il-kawza. U saret travestija ta' gustizzja meta Simonette Mulholland harget illiberata ghax ovvjament fic-cirkustanzi d-difiza ghazlet li ma tixhidx.

8. Illi dan huwa AGGRAVJU serju fejn il-gustizzja evidentament ma dehritx li qedgha ssir billi l-appellant ma thalliex isemma' lehnu ghax ma kienx notifikat. Dak kien l-EWWEL AGGRAVJU.

9. It-TIENI AGGRAVJU jirigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti kienet taf li l-appellant mhux notifikat u dan jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Jannar, 2021, fil-kawza numru 17 meta gie mnizzel li x-xhud tal-Prosekuzzjoni ma deherx u r-referta mhux wahda pozittiva. Anki din is-sentenza tammonta ghal travestija tal-gustizzja billi effettivament kellha tinqara li x-xhud principali tal-Prosekuzzjoni ma kienx gie notifikat, billi ma tgahmilx sens li l-ewwel tikteb li ma deherx, imbghad li r-referta mhux wahda pozittiva meta kull ma kellu jinghad kien li l-prosekuzzjoni ma nnotifikatx lix-xhud u li dan jirrizulta mid-dokument tar-riferta li ggib id-data tas-7 ta' Dicembru 2020, jigifieri bejn is-7 ta' Dicembru 2020 u t-18 ta' Jannar 2021, ma sar ebda tentattiv biex jigi notifikat l-appellant ghall-udjenza tat-18 ta' Jannar 2021, fis-seduta tar-Rabat Malta;

10. Illi bir-rispett kollu kien id-dover u l-obbligu ta' l-Ewwel Qorti, ghandha kemm ghandha pressjoni, biex tindaga ghala dan ix-xhud ma giex notifikat billi l-gustizzja ma ssirx minghajr stharrig logiku u kategoriku halli tohrog il-verita' kollha u xejn hlief il-verita' kollha; mela hawn ghandna it-TIENI AGGRAVJU illi bir-rispett kollu, apparti minn nuqqasijet tal-Prosekuzzjoni kien hemm ukoll in-nuqqasijiet da parte tal-Qorti. Dan kien it-TIENI AGGRAVJU fejn ghandha ssir referenza ghal verbal tal-Qorti tat-18 ta; Jannar 2021, u ghar-referta tas-Central Delivery Office tal-Pulizija datata 23 ta' Novembru 2020 u iffirmata fis-7 ta Dicembru 2020.

11. It-TIELET AGGRAVJU jirrigwarda l-ingustizzja li sehhet mal-parte civile li ghandu kaz pendenti quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja li ilu pendenti ghal iktar minn 8 snin, citazzjoni numru 97/2013 – AGV, u li kien important ghal appellant li jsemma' lehnu f'dan il-kaz billi l-appellant bhala r-rikorrenti attur qed jikkontesta d-decizjoni tal-Qorti tal-Familja li tordnalu biex jallontana ruhu mid-dar matrimonjali. Illi huwa minnu li Appelli Kriminali generalment isiru minn Akkuzati li jkunu nstabu hatja fuq xi akkuza li kellhom fil-konfront taghhom u li jkun jidhrilhom ghal xi raguni jew ohra li ghandhom bazi legali biex jappellaw: dan tghallimielna dina l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali. Biss referenza ghall-Artikolu 413 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghtina istanzi ohra fejn jista' jsir Appell Kriminali, bhal ma huwa dan il-kaz.

12. Hawnhekk ghandna irregolarita' lampanti ghax min ghamel ir-rapport, ossija l-parte civili, lanqas biss gie nnotifikat kif diga mfisser diversi drabi f'dan ir-rikors ta' appell u b'referenza ghad-dokumenti annessi mieghu. Illi ghalhekk huwa essenzjali ghat-trasparenza tal-gustizzja li din il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell tirrevoka s-sentenza appellata, thassara u tordna li l-Atti kollha ta' din il-kawza jigu rimessi lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati, diversament ippreseduta, biex dan il-kaz jerga jinstema mill-gdid u l-parte civilie ossija l-appellant jkun jista' jiddeponi u mieghu jiddeponu xhieda ohra li jigu ndikati lill-Ufficjal Prosekutur li wkoll trid tkun persuna differenti mill-Ufficjal

Prosekutur li mexxa l-prosekuzzjoni fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2021, kawza 17, ghal habta tal-11.30 ta' filghodu, seduta tar-Rabat Malta.

13. Illi r-RABA' AGGRAVJU jaggruppa fih it-TLETT AGGRAVJI precedenti fis-sens illi minn dawn it-tlett aggravji precedenti jirrizulta car illi l-bazi ta' l-Ordinament Guridiku tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Gustizzja gie vjolentament miksur u dan peress illi l-gustizzja zgur, minghajr l-icken dubju, ma dehritx li qed issir bhal ma huwa definittivament li l-vuci ta' l-appellanti ma nstemghetx biex b'hekk giet stultifikata l-ligi w il-Gustizzja bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bi vjolazzjoni tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe', il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-individwu.

14. Illi dan ifisser li fl-inkwadratura ta' dan ir-RABA' AGGRAVJU kif hawn qed jigi brevement imfisser, minhabba l-vjolazzjoni propju tal-bazi ta' l-Ordinament Guridiku tar-Repubblika ta' Malta fl-inkwadratura kif hawn deskritt, awtomatikament, logikament, b'konkluzjoni mill-izjed trasparenti, s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar, 2021, fl-ismijiet "**<u>Pulizija (Spettur Stacy B Attard) -vs- Simonetta Mulholland</u>** K.I.: 084370M", kawza numru 17 fuq il-lista, li nstemghet u giet deciza facile espedizione ghal habta tal-11.30 ta' filghodu, seduta tar-Rabat-Malta, ippreseduta mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech, talli sentenza hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli. Illi din tinkwadra ruha fl-Artikolu 413 sub-artikolu (1), sub-inciz (viii) tal-Kodici Kriminali li tispecifika li 'id-decizjoni tal-Qorti inferjuri hija nulla minhabba nuqqas ta' formalita' jew minhabba htigijiet ta' procedura'.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' PS 1573 J. Callus fejn dan spjega illi nhar is-27 ta' Gunju 2020, Patrick Mulholland mar jaghmel rapport illi huwa kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn mal-mara tieghu u li dakinhar mar fir-residenza taghhom izda ma setax jiftah u hass li kien hemm xi haga li qed izommu minn wara. L-appellata

Simonette Mulholland irraportat gewwa l-ghassa tar-Rabat hekk kif giet mitluba u ghazlet li tezercita d-dritt taghha tas-silenzju.

Rat l-okkorenza dwar l-istess rapport datat is-27 ta' Gunju, 2002, esebita mill-istess kwerelant Patrick Mulholland dwar l-incident li sar dakinhar stess fil-konfront ta' Simonette Mulholland.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell hekk kif eccepita mill-Avukat Generali fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2021 u appuntu dwar jekk il-parte civile ghandux dritt jipprezenta rikors tal-appell. Ghaldaqstant din il-Qorti ser l-ewwel titratta dan l-aggravju imbaghad tittratta l-mertu ta' l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi qabel xejn jinghad b'referwnza ghal dak li qal l-avukat difensur tal-parte civile li l-ewwel Qorti ghamlet traverstija tal-gustizzja meta ma indagatx 'l ghala l-prosekuzzjoni naqset li tinnotifika l-parte civile. Jinghad li f'din il-kawza l-prosekuzzjoni iddikajrat li kienet qed tirrinunzja ghax-xhud principali taghha u cioe' l-parte civile Patrick Mulholland. Ma hux obbligu ta' l-ewwel qorti li tindaga ghaliex l-prosekuzzjoni naqset li tinnotifika ix-xhieda taghha izda hija obbligu taghha **biss** li tara jekk hemmx notifika jew le. Molto piu meta tqis li kien hemm ir-renunzja ta' tali xhud.

Illi din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha fil-kawza **Il-Pulizija vs. Anne Montfort**[1] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b' approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs. Clive Debono**[2], fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: **Il-Pulizija vs. Mario Saliba** [3];; **Il-Pulizija vs. Mario Magri**[4]; "**Il-Pulizija vs.**

[1] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar it-30 ta Settembru, 2004.
[2] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar l-14 ta Settembru, 2004
[3] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar il-15 ta Ottubru 1982
[4] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar it-28 ta Mejju 1993

**Francis Callus**[5]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zarb**[6]; **Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**.[7];u l-**Pulizija vs. Francis Borg**[8] .

Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**[9]" li, ladarba ix-xhud ikun **debitament** notifikat u akemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, (emfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**[10] u ohrajn ).

Hu minnu wkoll li, kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell , l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9 , l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. I**l-Pulizija vs. Pierre Schembri**[11] [8.1.1996] u ohrajn.)"

F' sitwazzjoni simili, jekk xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara **Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**[12]).

Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data

---

[5] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar it-30 ta Settembru, 1993
[6] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar it-22 ta Ottubru, 1993
[7] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar i-3 ta Dicembru 1993
[8] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar l-10 ta Dicembru, 1993
[9] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar i-5 ta Jannar 1996
[10] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar i-25 ta Lulju 1994
[11] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar it-8 ta Jannar 1996
[12] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar il-5 ta Jannar 1996

ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441 (4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-drit ta' appell skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara **<u>Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia</u>**[13]. F' sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qiesu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b' mandat t' akkumpanjament jew b' mandat t' arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta' spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri w cioe' li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif jigri ta' spiss, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara **<u>Il-Pulizija vs. Pierre Schembri</u>**[14].

Illi f' dan il-kaz, pero' la giet prodotta riferta pozittiva tax- xhud tal-prosekuzzjoni fuq imsemmija u prosekuzzjoni, minnflok ma baqghet tinsisti li tipproduci lill-istess xhieda , iddikjarat li kient qed tirrinunzja ghal tali xhud. Mentri f' dan il-kaz din id-dikjarazzjoni qatt ma jmissha saret u l-Prosekuzzjoni jmissha regghet tenniet li kien ghad fadlilha x-xhieda li kienet tqis li huma indispensabbli. Cio nonnostante pero in vista ta' din id-dikjarazzjoni li kienet tammonta ghal rinunzja ghax-xhud taghha, l-Ewwel Qorti setghet liberament tghaddi ghas-sentenza u konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar ma kienx jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.

Jinghad ukol ldwar dan il-punt kif msitqarr i fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija –vs- Joseph Dougall</u>** il-Qorti kienet irriteniet illi "*Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-*

[13] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar il-25 ta Lulju 1994
[14] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar it-8 ta Jannar 1996

*prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta*". F'dan il-kaz dan ma sarx u dan ghaliex ma gie prezentata l-ebda riferta li tindika xi tentattiv ta' notifika lill-parte civile.

B'zieda jinghad kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija –vs- Monica Schranz**[15] , "*L-ezebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva.*"

Dwar l-aggravju jekk l-aprte civile ghandhiex dritt tintavola appell f'kawzi li huma prosegwibbli ex ufficcio jinghad is-segwenti. L-Avukat Generali ecepixxa illi r-reat tar-*ragion fattasi* huwa reat ezegwibbli *ex officio* mill-pulizija u l-kwerela tal-parti hi biss notizia criminis li ghamel l-appellant. Ghalhekk dan ta' l-ahhar ma ghandux *locus standi* u ma setghax jintavola appell.

L-avukat difensur tal-parte civile min-naha l-ohra ssottometta illi l-appellant ghandu l-fakulta' a bazi tal-Artikoli 413(1)(b)(6) u (7); Artikolu 377 u 533 tal-Kodici Kriminali li espressament u specifikament jinkwadraw cirkustanzi fejn persuna li tigi mcahhda milli ssemma l-vuci u tindika l-provi taghha minhabba zball jew tal-Qorti jew inkella tal-prosekuzzjoni. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-abbli Avukat Generali ghandha tigi respinta billi fiha nnifisha tikser id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-appellanti minhabba nuqqas ta' smiegh xieraq.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Jimmy Bonnici Giuseppe Bonnici**[16] saret referenza ghall-kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Attard**[17] fejn gie stipulat bl-iktar mod car illi kwerelant jista' jappella minn sentenza ta' l-Ewwel Qorti biss f'dawn ic-cirkustanzi meta:

---

[15] Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar il-21 ta Frar 1997
[16] Appell Kriminali Numru 187/2013 . Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar  nhar is-17 ta' Ottubru 2013.
[17] Appell Kriminali Numru  Qorti tal-Appelli Kriminali deciza nhar l-24 ta' Frar, 2000.

a. Ir-reat ikun ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun jinkwadra fil-parametri tal-artikolu 370(1) moqri flimkien mal-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali;

b. L-azzjoni kriminali ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-parti leza;

c. Il-prosekuzzjoni tal-kawza titmexxa mill-parti leza stess ai termini tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali. Mill-okkju tas-sentenza ikun jirrizulta li l-procedura tkun tmexxiet fil-forma "privata" jigifieri billi l-partijiet fil-kawza jkunu jidhru li huma il-kwerelant u l-appellat, a differenza ta' procediment *ex officio* fejn il-partijiet fil-kawża jkunu l-pulizija kontra l-kwerelat.

B'referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Agius**,[18] jekk il-punti a, b u c sucitati jigu soddisfatti, trid tiġi invokata almenu wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali bhala l-bazi legali ghall-appell.[19] Tajjeb jinghad illi dawn ir-rekwiziti huma **kumulattivi**.[20]

Illi l-appellant enfasizza illi huwa kellu l-fakulta' li jappella mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti a bazi tal-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Madankollu, qabel wiehed jikkunsidra dawn l-Artikoli irridu naraw li r-rekwiziti l-ohra huma sodisfatti wkoll.

Illi Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar ir-reat ta' *ragion fattasi* li jinsab inkorport taht it-titolu 'Fuq id-Delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra'. Dan l-istess reat jaqa' taht il-kompetenza

[18] Appell Kriminali Numru 56/2018 Deciz fit-3 ta' Marzu 2020.
[19] Ara ukoll l-Appelli Kriminali fl-ismijiet : **- Il-Pulizija vs. Joseph Bugeja**, 25 ta' Jannar 2008; **Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard**, 21 ta' Jannar 2011, **Il-Pulizija vs Robert Forace**, 8 ta' Mejju 2013; **Il-Pulizija vs Teresa Mifsud**, 6 ta' Frar 2015; **Il-Pulizija vs Darren Grima**, 28 ta' Frar 2018; **Il-Pulizija vs Martin Vella**, 12 ta' Marzu 2019; u **Il-Pulizija vs Ritchel Musa Lotino Borg**, 16 ta' Lulju 2019 fost ohrajn.
[20] Enfasi ta' din il-Qorti.

originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u jirrizulta mill-affidavit ta' PS 1573 J. Callus u l-okkorenza esebita mill-appellant stess, li dan il-kaz tmexxa wara rapport illi ghamel hu stess, pero' l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija peress illi l-ilment tal-parti leza jilleda d-drittijiet ta' ordni pubbliku u l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija ezekuttiva u mhux mill-parti leza, tant li s-sentenza nghatat fil-konfront tal-pulizija u ta' l-appellata Simonette (Simone) Mulholland. Il-parti leza, l-appellant odjern ma kien xejn ghajr xhud f'dawn il-proceduri u dan ma jaghtihx dritt ta' appell lanqas bl-emendi godda illi gew introdotti fl-2002. F'dawn it-tip ta' kazijiet il-pulzija jmexxu *ex officio.*[21] Ghaldaqstant kellha tkun biss id-decizjoni tal-Avukat Generali jipprocediex b'rikors t'appell jew le.[22] Madanakollu l-appellant setgha jsegwi l-procedura kontemplata fl-Artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali li jghid hekk:

> *Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.*

Illi minkejja huwa minnu li l-appellant intavola rikors quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti qabel ghaddew l-erbat ijiem tax-xoghol minn meta inghatat is-sentenza, din il-Qorti tinnota illi l-appellant m'ottemporax ruhhu ma' dak rikjest fl-Artikolu 414(1) ta' Kap. 9 u ghaldaqstant, l-Ewwel Qorti fid-digriet taghha data 22 ta' Jannar, 2021 a fol. 14 tal-process cahdet it-talbiet ta' l-appellant.

---

[21] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Martin Vella**, Appell Kriminali Numru 290/2018, deciz fit-12 ta' Marzu 2019.
[22] **Marija Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija, Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil**, Civil Court First Hall (Constitutional Jurisdiction), Hon. Mr. Justice Joseph Zammit McKeon, 15th April 2013, Application No. 30/2011

Ghalhekk, f'dan il-kaz, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni dak kollu sucitat, b'enfasi lir-rekwiziti indikati *supra* ma ġewx milhuqa kollha, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita tar-rikors ta' l-appell tal-appellant, hekk kif sollevata mill-Avukat Generali u tiddikjara l-istess rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur